**Qorti Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.D.**

**Att ta' Akkuza Nru:10/2017**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**

**Francis Xerri**

**<u>Illum, 10 ta' April 2024</u>**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tal-akkuzat Francis Xerri prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-30 ta' Ottubru 2017[1] li gie prezentat ai termini tal-artikolu 22 (2A) (b) tal-Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta fejn ippremetta is-segwenti: -

Illi f'dan il-kaz l-Avukat Generali ordna li l-esponenti jigi ggudikat fil-Qorti Kriminali u l-esponenti gie notifikat bl-Att tal-Akkuza su riferita.

Illi l-esponenti qieghed permezz tal-prezenti rikors jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tordna li minflok ma jkun ggudikat quddiem dina l-Onorabbli Qorti huwa jigi ggudikat quddiem il-Qorti tal-Magistrati.

Illi fl-Att tal-Akkuza supra citat l-esponenti jinsab mixli b'abbuzi ta' ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn principalment l-esponenti jinsab akkuzat b'assoccjazzjonijiet ai fini ta' biegh jew traffikar tal-Cannabis grass, pussess

[1] Fol. 62 Vol. 1 tal-atti tal-Qorti Kriminali

aggravat tad-droga Kokaina, pussess aggravat tal-Cannabis grass u tar-raza mehuda mill-pjanta Cannabis u pussess semplici tal-Cannabis.

Illi a skans ta' kwalsiasi inekwivoku l-esponenti ghadu jinsisti fuq id-dikjarazzjoni ta' mhux hati minnu imresqa fil-bidu tal-proceduri u ma ghandux il-kontenut ta' dan ir-rikors jitqies bhala xi forma ta' xi ammissjoni ta' xi htija.

Illi detto l-premess, l-esponent umilment jissottometti illi dawn il-proceduri ghandhom jigu decizi mill-Qorti tal-Magistrati sia stante li l-ammont mertu ta' dawn il-proceduri ma huwiex oghla mit-threshold hemm indikat fir-Raba Skeda tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll minhabba li a bazi tal-allegazzjonijeit tal-proskeuzzjoni stess, jekk ikollu strettament minghajr pregudizzju iqies l-istess allegazzjonijiet ghall-grazzja tal-argument biss, l-akkuzat ma kellu l-ebda rwol principali jew sinjifikanti it-twettiq tal-allegat reat.

Illi dwar l-ammont tad-droga li jirrafigura fl-akkuzi kontra l-esponenti, l-esponenti umilment jissottomeetti li dan huwa inqas mit-threshold indikat fir-Raba Skeda tal-Kap 101 sia jekk meqjusa bil-purita kif riskontrata mill-espert nominat kif ukoll jekk a bazi tar-regoli matematika wiehed iqies tali ammont bi purita ta' 100%.

Illi skond l-Att tal-Akkuza (it-Tieni sal-Hames Kap) l-Avukat Generali qieghed jakkuza lill-esponent li huwa kellu l-pussess tieghu:

a. 96.17 grammi Cannabis grass ( b'purita ta 6.5%)
b. 35.88 grmma raza tal-Cannabis 9b'purita ta 7%) u
c. 19.67 gramma Cocaina (b'purita ta' 18%)

Illi dawn l-ammonti jaqghu ferm taht l-ammont stipulat ta' 300 gramma ghal Cannabis u 100 gramma ghall-Eroina u Cocaina indikata fir-Raba Skeda sia jekk wiehed jikkunsidra l-piz globali u izjed u izjed a bazi tal-purita biss kif indikata mill-espert (stante li a bazi tar-ragunament tal-ahhar dan ikun ifisser 6.251 grammi Cannabis grass; 2.51 grammi raza tal-Cannabis u 3.54 grammi Cocaina.)

Illi dwar l-Ewwel Kap tal-Akkuza rigward l-assoccjazzjoni, l-Avukat Generali qieghed isemmi l-ammont ta' 998 gramma bi purita ta' 9% madankollu in konnessjoni ma' din l-akkuza l-esponenti umilment jirrileva is-segwenti punti:-

a. Fl-ewwel lok, il-fatt li l-Avukat Generali qed jatribwixxi dan l-ammont lill-esponenti ukoll ma jfissirx awtomatikament li l-kaz ghandu jigi deciz mill-Qorti Kriminali.
b. Fit-tieni lok, strettament minghajr pregudizzju dwar il-mertu izda a bazi ta' dak allegat mill-istess Avukat Generali fl-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza dwar l-Assoccjazzjoni dan l-ammont ta' 998 gramma Cannabis ( bi purita ta' 9%) ma instabx ghand l-esponenti izda instab ghand Carlos Nuno Morales.
c. Carlo Nuno Morales pero ma xehed qatt fil-kumpilazzjoni ghalkemm l-Avukat Generali talab ghal dan ix-xhud diversi drabi f'numru ta' rinviji. Infatti jirrizulta mill-atti li Morales ma xehedx ghaliex ghazel li ma jghamilx dan minhabba li kellu proceduri pendent kontra tieghu u sabiex ma jinkriminax ruhu, stante li huwa ukoll ko-akkuzat fi procedura separata. Sussegwentment imbaghad dan Carlos Nuno Morales harab minn Malta u infatti gie dikkjarat iktar minn darba fl-atti ta' din il-kawza li Carlos Nuno Morales jinsab mahrub minn dawn il-gzejjer.

L-esponenti umilment jissottometti illi dan l-fatt ghandu ukoll jittiehed in konsiderazzjoni minn din l-Onorabbli Qorti meta tigi biex tiddecidi jekk ghandhiex tibghat il-kaz biex jigi deciz mill-Qorti tal-Magistrati jew le. Infatti huwa evidenti li l-linji gwida indikata fir-Raba Skeda titlob li Qorti li tqis numru ta' fatturi dwar il-kaz minghajr pregudizzju skond l-informazzjoni li jkun hemm disponibbli.

Fit-tielet lok, l-linji gwida ghall-uzu tad-diskrezzjoni jghidu car u tond li l-purita tista tigi kkunsidrata sabiex jigi determinat jekk persuna li inizjalment giet riferita ghall-kawza quddiem il-Qorti Kriminali ghandha tigi riferita ghall-kawza quddeim il-Qorti tal-Magistrati fi stadju iktar tard.

Fid-dawl tal-punt supra minghajr ma jidhol fil-mertu tal-kaz jekk wiehed jaghmel ezercizzju purament matematiku u jiehu in konsiderazzjoni l-purita kif indikata mill-espert (9% tal-amont globali) dan iwassalna ghall-ammont ta' 89.82 gramma liema ammont huwa ferma inqas mit-300 gramma indikati fir-Raba Skeda bhala indikazzjoni sabiex persuna ma tigix riderita ghall-kawza quddiem l-Qorti Kriminali.

Illi apparti l-kwantita u l-purita tad-droga, ir-Raba Skeda titlob li jtiqies ukoll ir-rwol li l-akkuzat kellu fir-reat in kwistjoni. Minghajr pregudizzju dwar il-mertu, l-esponenti umilment jissottometti illi jekk wiehed iqis l-allegazzjonijiet tal-Avukat Generali wiehed jara liema hemm l-ebda cirkostanza li jistghu b'xi mod jindikaw li l-akkuzat kellu rwol principali jew sinjifikattiv fit-twettiq tar-reat. Infatti dwar l-Kap tal-Assoccjazzjoni, l-Avukat Generali jdahhal lill-esponenti fil-kredu biss billi jipprova jattribwixxi dak li rrizulta dwar Carlos Nuno Morales lill-esponenti. Madankollu jibqa' l-fatt li skond l-Ewwel Kap tal-Akkuza stess l-ammont ta' 998 gramma Cannabis instabet ghand Morales u mhux ghand l-esponenti. Morales ma xehedx fil-kumpilazzjoni huwa ko-akkuzat u illum il-gurnata huwa mahrub minn Malta. Apparti minn hekk, jekk wiehed jikkunsidra ghall-grazzja tal-argument biss x'qal Morales fl-istqarrija tieghu jidher bic-car li kien Morales u shabu ohra li m'humiex l-esponenti, kienu l-finanzjaturi u l-organizzaturi ta' kollox. Mill-allegazzjonijiet tal-Avukat Generali u anke mill-ipotezjiet imsemmija fil-linji gwida li jimplikax rwol principali jew sinjifianti, jew jkunu fatturi aggravanti.

Ghalhekk ghal dawn ir-ragunijiet u ghal dawk ir-ragunijiet kollha li jistghu talvolta jirrizultaw matul it-trattazzjoni orali ta' dan ir-rikors, l-esponenti jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti tordna li dawn il-proceduri jigu rimandati lil Qorti tal-Magistrati sabiex l-esponenti jigi gudikat quddiem il-Qorti tal-Magistrati u dan salv kwalsiasi konsiderazzjoni ohra li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha timponi fil-gudizzju ghaqli u superjuri taghha.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali ghar-rikors ta' Francis Xerri intavolat fit-30 t'Ottubru 2017 ai termini ta' l-Artikoku 22 (2A) (b) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta fejn espona s-segwenti.

Illi fil-mertu, l-esponent wara li rega ra l-atti processwali tal-kaz fl-ismijiet fuq premesi rega ha konjizzjoni ta' l-ammont ta' droga involute ( dawn jinkludu 96.17 gramma Cannabis grass, 35.88 gramma raza ta-Cannabis u 19.67 gramma Cocaina li instabu fizikament f'dan il-kaz fuq l-akkuzat nhar it-12 ta' Frar 2015 kif ukoll l-ammont ta' 998 grammi Cannabis grass l iinstabet fuq il-persuna ta Carlos Nuno Morales u i kient intiza ghal-akkuzat u madwar 500 gramma Cannabis li l-istess akkuzat kien jixtri minghnad Morales kull erbatax-il gurnat ghal madwar sentejn) rega ha konjizzjoni tan-natur, l-fatti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz u ra ukoll il-linji gwida introdotti permezz ta l-ATT XXIV ta 2014 jerga itenni li dan il-kaz jisthoqqlu li jkun ggudikat minn din l-Onorabbli Qorti u mhux mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati u ghaldaqstant jirriafferma l-Ordni mahruga minnu nhar it-13 ta' Frar, 2015 biex dan il-kaz ikun iggidikat minn din l-Onorabbli Qorti.

Rat is-surroga moghtija mis ST l-Prim Imhallef nhar it-20 ta' Awwissu 203 sabiex ir-rikors ta' Francis Xerri datat 30 ta' Ottubru 2017 jigi deciz minn din il-Qorti kif preseduta (fol. 392 tal-atti).

Rat dak li gie verbalizzat fis-seduta tat-22 ta' Jannar 2024 u cioe li l-guri odjern ser jinstemgha minn din il-Qorti kif presduta mill-Imhallef Natasha Galea Sciberras.

Rat it-talba tad-difiza u cioe li l-proskeuzzjoni tressaq provi li Carlos Nuno Morales jinsab lura Malta.

Semghet lil **Helenio Galea** jixhed in rapprezentanza tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin u dan fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2024 u jghid li din il-persuna illum tinsab Malta wara li giet mibghuta lura minn barra nhar is-16 ta' Dicembru, 2023 permezz tal-procedura tal-European Arrest Warrant u tinsab il-habs taht arrest preventiv.

Semghet lill-partijiet jittrattaw dan ir-rikors fis-seduta tat-12 ta' Marzu 2024.

**Ikkunsidrat**

Din il-Qorti tixtieq tibda' billi taghmel referenza ghall-Artikolu 22 ta' Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn dan jghid illi:

> *Kull persuna akkużata b'reat kontra din l-Ordinanza għandha titressaq jew quddiem il-Qorti Kriminali jew quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), skont kif jordna l-Avukat Ġenerali*

Illi permezz ta' l-Att XXIV ta' l-2014 gew introdotti l-linji gwida nkluzi fir-Raba' Skeda ta' l-Ordinanza u dan ghall-uzu ta' diskrezzjoni marbuta ma' Artikolu 22 ta' Kap. 101. Dawn jikkontjenu s-segwenti:

> *Dawn il-linji gwida japplikaw għall-persuni kollha akkużati tal-età ta' 16 u aktar.*
>
> *Sabiex tiġi stabbilita l-qorti li fiha persuna akkużata b'reat kontra din l-Ordinanza għandha tiġi ġġudikata, il-ħsara jew il-ħsara potenzjali ikkawżata mir-reat li bih tkun ġiet akkużata għandha tkun il-konsiderazzjoni prinċipali.*
>
> *Il-kwantità ta' droga hi konsiderazzjoni prinċipali fil-valutazzjoni tal-ħsara. Il-purità ma tkunx neċessarjament meqjusa fl-istadju inizjali iżda tista' tiġi kkunsidrata sabiex jiġi determinat jekk persuna li inizjalment ġiet riferita għall-kawża quddiem il-Qorti Kriminali għandha tiġi riferita għall-kawża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fi stadju aktar tard.*

*Ir-rwol li l-akkużat kellu fir-reat għandu, jekk informazzjoni biżżejjed tkun disponibbli, wkoll jitqies.*

*oni bejn dawk il-persuni li kellhom rwol prinċipali, rwol sinjifikattiv jew rwol iżgħar fit-twettiq tar-reat.*

*Ir-rwol prinċipali fit-twettiq tar-reat jista' jiġi indikat b'li ġej:*

*• li l-akkużat organizza jew ordna x-xiri u l-bejgħ ta' droga fuq skala kummerċjali;*
*• li l-akkużat kellu konnessjonijiet sostanzjali għal u influwenza sinjifikanti fuq persuni oħra f'ċirku;*
*• li l-akkużat kellu konnessjonijiet mill-qrib għas-sors oriġinali tad-drogi;*
*• li l-akkużat għamel qligħ finanzjarju sostanzjali jew kellu aspettattiva ta' qligħ finanzjarju sostanzjali;*
*• li l-akkużat uża negozju leġittimu biex jaħbi x-xiri jew il-bejgħ tad-drogi;*
*• li l-akkużat abbuża mill-pożizzjoni tiegħu ta' fiduċja jew ta' responsabbiltà sinjifikanti fit-twettiq tar-reat, per eżempju meta lakkużat ikun impjegat tal-ħabs jew professjonista legali jew mediku.*
*Ir-rwol sinjifikanti fit-twettiq tar-reat jista' jiġi indikat b'li ġej:*
*• li l-akkużat kellu funzjoni operattiva jew maniġerjali fiċ-ċirku;*
*• li l-akkużat involva oħrajn fl-operazzjoni kemm billi eżerċita pressjoni kif ukoll influwenzahom jew b'intimidazzjoni jew b'offerta ta' kumpens;*
*• li l-akkużat kien motivat bill-prospett ta' gwadann finanzjarju jew vantaġġ ieħor, irrispettivament jekk l-akkużat kienx qed jaġixxi waħdu jew ma' oħrajn;*
*• li l-akkużat deher li kien jaf u li fehem il-kobor tal-operazzjoni;*

*• li l-akkużat, li mhix persuna li qed tabbuża minn pożizzjoni ta' fiduċja jew responsabbilità, forniet id-droga lill-priġunier għall-gwadann iżda mingħajr theddid.*

*Ir-rwol sinjifikanti fit-twettiq tar-reat jista' jiġi indikat b'li ġej:*

*•li l-akkużat kellu funzjoni operattiva jew maniġerjali fiċ-ċirku;*
*• li l-akkużat involva oħrajn fl-operazzjoni kemm billi eżerċita pressjoni kif ukoll influwenzahom jew b'intimidazzjoni jew b'offerta ta' kumpens;*
*• li l-akkużat kien motivat bill-prospett ta' gwadann finanzjarju jew vantaġġ ieħor, irrispettivament jekk l-akkużat kienx qed jaġixxi waħdu jew ma' oħrajn;*
*• li l-akkużat deher li kien jaf u li fehem il-kobor tal-operazzjoni;*
*• li l-akkużat, li mhix persuna li qed tabbuża minn pożizzjoni ta' fiduċja jew responsabbilità, forniet id-droga lill-priġunier għall-gwadann iżda mingħajr theddid.*

*Ir-rwol iżgħar fit-twettiq tar-reat jista' jiġi indikat b'li ġej:*

*• li l-akkużat wettaq rwol limitat fit-twettiq tar-reat u aġixxa taħt iddirezzjoni ta' oħrajn;*
*• li l-akkużat ġie mqabbad minn oħrajn sabiex iwettaq ir-reat permezz ta' pressjoni, theddid jew intimidazzjoni;*
*• li l-akkużat ġie involut fit-twettiq tar-reat minħabba l-inġenwità tiegħu jew minħabba li ġie sfruttat minn oħrajn;*
*• li l-akkużat ma kellux influwenza fuq dawk ta' fuqu fiċ-ċirku;*
*• li l-akkużat kellu ftit, jekk kien hemm, għarfien rigward il-kobor tal-operazzjoni;*
*• li meta jiġu meqjusa ċ-ċirkostanzi kollha jkun raġonevoli li jiġi konkluż illi l-akkużat kien involut fit-twettiq tar-reat sabiex jieħu d-droga biss, għall-użu personali tiegħu;*

*• li l-akkużat ma għamel l-ebda gwadann finanzjarju mir-reat, per eżempju f'każijiet li jinvolvu x-xiri komuni ta' kwantità minima mingħajr l-ebda qligħ jew sabiex titqassam kwantità minima bejn il-ħbieb fuq bażi mhux kummerċjali.*

*Fatturi aggravanti li jirriżultaw mil-liġi għandhom jiġu meqjusa.*

*Fatturi aggravanti oħra li jistgħu jiġu meqjusa jistgħu jinkludu:*

*• in-natura sofistikata sabiex tinħeba d-droga jew in-natura ta' kwalunkwe attentat biex jiġi evitat il-kxif;*
*• kull attentat sabiex tinħeba jew sabiex tintrema evidenza;*
*• l-esponiment ta' oħrajn għall-periklu eċċezzjonali bħal meta droga tinqata' b'sustanzi li jagħmlu ħsara;*
*• il-purità għolja tad-droga;*
*• li l-akkużat immira postijiet intiżi sabiex jalloka persuni vulnerabbli jew ipprova jissupplixxi d-droga lill-minorenni;*
*• li oħrajn, speċjalment tfal u dawk li ma jabbużawx bid-droga kienu preżenti meta l-akkużat ikkommetta r-reat.*

*L-ammont li ġejjin involuti fir-reat, meta l-imsemmija ammonti huma magħrufa,* ***jistgħu*** *jittieħdu bħala indikazzjoni sabiex persuna ma tiġix riferita għall-kawża quddiem il-Qorti Kriminali:*

*herojina u kokajina: anqas minn 100 gramma*
*cannabis (qanneb indjan): anqas minn 300 gramma*

*Kull għajnuna li l-akkużat ikun ta lill-Pulizija jew lill-prosekuzzjoni tista' wkoll tiġi meqjusa.*

Illi, qabel gew introdotti dawn il-linji gwida, id-diskrezzjoni kienet totalment f'idejn l-Avukat Generali u dan *stante* n-nuqqas ta' kriterji fissi fil-ligi li kienu jaghtu

indikazzjoni kawza ghandiex tinstema mill-Qorti Kriminali jew mill-Qorti tal-Magistrati (Gudikatura Kriminali) u ghalhekk is-*sede* ta' fejn ghandu jsir il-gudizzju. Fil-kawza fl-ismijiet **Claudio Porsenna vs l-Avukat Generali**[2] ir-rikorrent kien argumenta illi l-Artikoli 22(2) u 31 ta' Kap. 101 huma siekta u jhallu d-decizjoni dwar quddiem liema Qorti persuna akkuzata ghandha titressaq interament f'idejn l-Avukat Generali, u allura indirettament kienu qed joholqu incertezza fis-sens illi kaz jista' jigi ttrattat b'manjiera differenti minn iehor. Ghaldaqstant, dan kien argumenta illi kienu qed jinkisrulu d-dritt tieghu ghal smiegh xieraq kif protetti mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea kif ukoll taht l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll id-dritt tieghu illi ma jigix diskriminat ai termini tal-Artikolu 45(1) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea. Il-Qorti Kostituzzjonali kienet cahdet l-appell tar-rikorrent izda accennat is-segwenti:

> *L-Avukat Generali jkun irid, ovvjament, meta hekk jigi mitlub, jispjega u jiggustifika d-decizjoni li jkun ha, u mbaghad sta ghall-qorti, jekk dak l-ezercizzju ta' diskrezzjoni jigi attakkat, li tara li d-decizjoni tkun koerenti ma' decizjonijiet precedenti u li ma tkunx saret deskriminazzjoni; altrimenti, d-decizjoni tista' tkun ultra vires.*

**Ikkunsidrat;**

Illi l-akkuzat Francis Xerri kien tressaq b'arrest nhar it-13 ta' Frar, 2015, meta hu kellu tlieta u hamsin (53) sena u kien mixli bi seba' akkuzi ta' droga foshom li:-

1. Kellu fil-pusess tieghu id-droga Kokaina, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.
2. Kellu fil-pusess tieghu d-droga Kokaina liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.
3. Kellu fil-pusess tieghu l-pjanta Cannabis kollha jew bixxa minnha liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

[2] Deciza mill-Qorti Kostituzzjonali nhar is-16 ta' Marzu, 2012.

4. Kellu fil-pusess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preprazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.
5. Kellu fil-pusess tieghu id-droga Kokaina.
6. Kellu fil-pusess tieghu il-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha.
7. Kellu fil-pusess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonjiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza.

Illi in segwitu skond l-Att tal-Akkuza li harget nhar it-23 ta' Settembru 2017 l-akkuzat gie akkuzat bir-reat ta':

1. Assocjazzjoni ai fini ta' biegh jew traffikar tal-Kannabis Grass.
2. Pussess aggravat tad-droga Kokaina.
3. Pussess aggravat tad-droga Cannabis Grass
4. Pussess aggravat tar-Raza mehuda mill-pjanta Cannabis
5. Pussess semplice tal-Cannabis

Fl-istqarrija tieghu li kien irrilaxxa lill-Ispettur Malcom Bondin nhar it-12 ta' Frar 2015 (dok MB14 fol. 69), l-akkuzat ammetta illi d-droga li instabet ghandu ammont ta' sustanza hadranija, bajdanija u sustanza iebsa ta' lewn kannella. Jghid li l-Cannabis, il-haxix u r-resin tal-Cannabis ipejjiphom hu waqt li s-sustanza bajdanija hija Kokaina u kien tahielu persuna bhala sample biex ifittex li xi hadd izda ma kien fittex lil hadd. Jghid li kellu zewg pakketti zghar ta' trab abjad sabiex itihom lil xi hadd u jekk tghogbu itih il-pakett il-kbir. Jghid li huwa ghandu l-vizzju tad-droga tal-Cannabis u ilha fuqu minn meta kellu hmistax-il sena. Jghid li jixtri ammont konsiderevoli sabiex isservih ghal xaghrejn jew tlett xhur. Fil-karozza tieghu instabet id-droga u zewg mizien eletronici, notebook ta' diversi numri fuqha u kkonferma li kollox kien tieghu. Gewwa daru instabu x flejjes konsiderevoli izda jghid li kienu tal-mara tieghu.

Fl-istqarrija tieghu jammetti li ghandu konoxxenza ma ragel Spanjol u li kien ilu jafu madwar sentejn u nofs. Ghalkemm jghid li ma jafx x'jismu. Jghid pero li kien jipprovdilu d-droga u cahad li kien jbiegh id-droga lilu.

**Carlos Nuno Morales** irrilaxja stqarrija guramentata nhar it-28 ta' Settembru, 2014 u kkonferma li kien jixtri hafna droga u ta' spiss minghand l-akkuzat. Jghid li kien ibiegh nofs kilo grass Cannabis lill-akkuzat kull erbatax-il jum ghal prezz ta' €2,800. B'hekk jghid li ghaddhielu nofs kilo Cannabis ghal dsatax-il darba. Jghid li l-akkuzat kien qallu li kien ilu ibiegh id-droga ghal madwar tlettin (30) sena. Jghid ukoll li l-kilo Koakina li inqabad biha kienet destinata ghall-akkuzat.

Fir-relazzjoni tieghu datata it-18 ta' Novembru, 2015, ix-**xjenzat Godwin Sammut** ikkonkluda illi huwa esamina l-esebiti li gew mghodija lilu u kkonkluda li l-piz tal-haxix kien ta' €96.17 grammi u l-purita kienet ta' circa 6.5%. Is-sustanza ta lew kannella kellha piz ta 35.88 grammi u l-purita kient ta' circa 7%. Il-pjanta Cannabis hija kkontrollata bil-ligi taht Taqsima 1 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Rigward it-trab abjad dan kellu piz ta' 19.67 grammi bi purita ta' cirka 18% u hija sustanza kontrollata bil-ligi that l-ewwel skeda Taqsima 1 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

B'referenza ghall-linji gwida sucitati, din il-Qorti tishaq illi dawn huma biss indikattivi u mhux ezawrjenti. Hawn hekk taghmel referenza ghad-digriet fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emmanuel Magri**[3] fejn gie ritenut is-segwenti:

> *Meta l-ligi tghid illi ammont ta' eronina ta' anqas minn mitt gramma huwa "**indikattiv**" illi persuna m'ghandhiex tkun gudikata mill-Qorti Kriminali **ma jfissirx awtomatikament illi kwalunkwe ammont ghola minn mitt gramma bilfors trid tigi quddiem il-Qorti Kriminali. Dawn il-linji gwida huma biss punt ta' tluq u m'ghandhomx iservu esklussivament bhala process aritmatiku.***

[3] Deciz mill-Qorti Kriminali nhar it-2 t' Ottubru, 2014.

*F'kaz deciz mill-Qorti tal-Appell tal-Ingilterra u Wales fit-3 ta' April 2012 fl-isem "**Regina versus Christiana Boakye et**" (EWCA Crim. 838) il-Qorti qalet, **"the quantities of drug which are listed under the categories of harm in the new guideline is deliberately described as 'indicative quantity of drug upon which the starting point is based.' They are not thresholds at which the sentencing range changes. They could not be if the starting point, which by definition is a mid range of sentence, is to be based upon it. In other words, the weights which determine categories are not thresholds; they are indications of the general region of weight which goes into the relevant category.** It is not exclusively an arithmetical process."*

Meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni l-ammont ta' u varjeta ta'droga li instabu ghand l-akkuzat mehud max-xhieda ta' Carlos Nuno Morales, m'hemmx dubbju illi dawn il-fatturi jimmilitaw kontra l-akkuzat. B'referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Keith Barbara u Silvio Apap**[4] inghad illi 'purita ta' 9.5% huwa livell 'normali' fejn tidhol id-droga cannabis' u ghalhekk l-purita misjuba f'danil-kaz ta' 7% taqa kwazi fil-parametri tan-normalita.

Madankollu jrid jigi accennat illi jidher fid-dawl tax-xhieda moghtija minn Carlos Nuno Morales li dan hu kaz ta' droga fuq skala kummecjali, u l-istruttura tidher li kienet wahda organizzata. Minn qari ta' l-istqarrija jirrizulta li donnu l-akkuzat irid jghid li id-droga li instabet ghandu kienet ghall-uzu tieghu minhabba il-vizzju li ghandu pero l-provi cirkostanzjali juru mod iehor. Bizzejjed isir referenza ghal dak li qal Carlos Nuno Morales fl-istqarrija guramentata tieghu li l-kilo Cocaina li instabet fuqu kienet destinata ghall-akkuzat u ghalhekk dan hu indizzju car fir-rigward ir-reat ta' Assoccjazzjoni fi kwantita bastanti. Huwa car li l-akkuzat kien bi hsiebu jaghmel gwadan minn din id-droga u jidher li kien attrezzat fli-spacc tant li anke mizien elettronici insabu ghandu. L-akkuzat stess jgharaf li kellu konoxxenza ta' dan l-ispanjol ghalkemm ma jghatix ismu

[4] Deciza nhar it-18 ta' Marzu, 2015 mill-Qorti Kriminali.

lill-pulizija u ghalhekk f'dan l-istadju din il-Qorti ma tistax tiskarta dak li qal ix-xhud Carlos Nuno Morales ai fini tad-diskrezzjoni uzata mill-Avukat Generali. Ir-rwol tal-akkuzat f'din il-facenda tidher li hija wahda magguri u dan ghaliex jidher car li n-negozju kien ilu ghaddej fuq medda ta zmien u ghalhekk l-akkzuat ghen biex jiffacilita dan in-negozju illegali ta' spacc ta' droga.

Konsegwentement in vista tas-suespost din il-Qorti qeda tichad it-talba rikorrenti sabiex din l-Onorabbli Qorti tibghat lill-akkuzat biex jigi gudikat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

**Dr Consuelo Scerri Herrera**

**Onor. Imhallef**